

**Brussell, 13 ta' Ġunju 2022
(OR. fr, en)**

9763/22

**ECOFIN 552
UEM 156
SOC 347
EMPL 229
COMPET 450
ENV 551
EDUC 220
RECH 343
ENER 259
JAI 814
GENDER 92
ANTIDISCRIM 72
JEUN 103
SAN 348**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9416/22 - COM(2022) 618 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Lussemburgu tal-2022 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Lussemburgu tal-2022

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2022) 618 final.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Lussemburgu tal-2022 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Lussemburgu tal-2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², li stabbilixxa l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tipprovdi sostenn finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' riformi u investiment, li jinvolvi impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. Din tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investiment sostenibbli u li jsaħħu t-tkabbir, b'mod partikolari biex għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, filwaqt li tissaħħaħ ir-reżiljenza u t-tkabbir potenzjali tal-ekonomiji tal-Istati Membri. Tgħin ukoll biex jissaħħu l-finanzi pubbliċi sostenibbli u tingħata spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq perjodu medju u twil ta' żmien. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ser tiġi aġġornata f'Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

² Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (2) Fl-24 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2022 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Dan ikkunsidra kif dovut l-Impenn Soċjali ta' Porto ffirmat fis-7 ta' Mejju 2021 biex ikompli jiġi implimentat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2022 fil-25 ta' Marzu 2022. Fl-24 ta' Novembru 2021, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lil-Lussemburgu bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kienet meħtieġa analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u l-proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2022, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁴ ("Rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro 2022") fil-5 ta' April 2022 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fl-14 ta' Marzu 2022.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 153, 7.4.2022, p. 1).

- (3) L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, wara l-pandemija globali, biddlet b'mod sinifikanti l-kuntest ġeopolitiku u ekonomiku. L-impatt tal-invażjoni fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri nħass, fost l-oħrajn, permezz ta' prezzijiet oġhla tal-enerġija, l-ikel u l-materja prima, u prospettivi ta' tkabbir aktar dgħajfa. Il-prezzijiet oġhla tal-enerġija huma partikolarment ta' piż kbir fuq l-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli li jgħixu fil-faqar enerġetiku jew li jinsabu friskju ta' faqar enerġetiku kif ukoll fuq l-aktar kumpanniji vulnerabbli għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. L-Unjoni qed tesperjenza wkoll influż bla preċedent ta' nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. L-effetti ekonomiċi li rriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kellhom impatt asimmetriku fuq l-Istati Membri. F'dan il-kuntest, fl-4 ta' Marzu 2022, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE⁵ ġiet attivata għall-ewwel darba permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382⁶, li tat lill-persuni spostati mill-Ukrajna d-dritt li jibqgħu legalment fl-Unjoni, kif ukoll aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, is-suq tax-xoġhol, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-assistenza soċjali.

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1).

- (4) B'kont meħud tas-sitwazzjoni ekonomika u ġeopolitika li qed tinbidel malajr, is-Semestru Ewropew jerġa' jibda l-koordinazzjoni wiesgħa tiegħu tal-politika ekonomika u tal-impjegi fl-2022, filwaqt li jevolvi f'konformità mar-rekwiżiti ta' implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif deskritt fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2022. L-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza adottati hija essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa fiċ-ċikli tas-Semestru Ewropew tal-2019 u l-2020. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 u tal-2020 jibqgħu ugwalment rilevanti wkoll għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, flimkien ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż oħra maħruġa sad-data tal-preżentazzjoni ta' tali pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati.
- (5) Il-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ilha attiva minn Marzu 2020. Fil-komunikazzjoni tagħha tat-3 ta' Marzu 2021 intitolata "Sena mit-tifqigħa tal-COVID-19: rispons tal-politika fiskali", il-Kummissjoni spjegat il-fehma tagħha li d-deċiżjoni dwar id-diżattivazzjoni jew il-kontinwazzjoni tal-applikazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali jenħtieġ li tittieħed fuq il-bażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-istat tal-ekonomija, bil-livell ta' attività ekonomika fl-Unjoni jew fiż-Żona tal-Euro meta mqabbel mal-livelli ta' qabel il-kriżi (tmem l-2019) bħala l-kriterju kwantitattiv ewlieni. Inċertezza akbar u riskji negattivi qawwiya għall-perspettiva ekonomika fil-kuntest tal-gwerra fl-Ewropa, żidiet bla preċedent fil-prezzijiet tal-enerġija u disturbi kontinwi fil-katina tal-provvista jiġġustifikaw l-estensjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir sal-2023.

- (6) Skont l-approċ fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021⁷ li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021 tal-Lussemburgu, il-pożizzjoni fiskali ġenerali attwalment titkejjel l-aħjar bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19) iżda bl-inklużjoni tan-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju⁸. Lil hinn mill-pożizzjoni fiskali ġenerali, sabiex jiġi vvalutat jekk il-politika fiskali nazzjonali hijiex prudenti u jekk il-kompożizzjoni tagħha twassalx għal irkupru sostenibbli konsistenti mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, tingħata wkoll attenzjoni lill-evoluzzjoni tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment⁹ (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19) u l-investment.

⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021 tal-Lussemburgu (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 73).

⁸ L-istimi dwar il-pożizzjoni fiskali u l-komponenti tagħha f'din ir-Rakkomandazzjoni huma stimi tal-Kummissjoni bbażati fuq is-suppożizzjonijiet sottostanti għat-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni. L-istimi tal-Kummissjoni ta' tkabbir potenzjali fuq terminu medju ma jinkludux l-impatt pożittiv tar-riformi li huma parti mill-pjan ta' rkupru u reżiljenza u li jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali.

⁹ Mhux iffinanzjati minn għotjiet fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew fondi oħra tal-Unjoni.

- (7) Fit-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida wiesgħa għall-politika fiskali fl-2023 ("il-gwida fiskali") li għandha l-għan li tappoġġa t-tħejjija tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħaħ il-koordinazzjoni ta' politika. Il-Kummissjoni nnotat li, abbażi tal-prospettiva makroekonomika tat-tbassir tax-xitwa 2022, it-tranżizzjoni minn pożizzjoni fiskali aggregata ta' appoġġ fl-2020–2022 għal pożizzjoni fiskali aggregata ġeneralment newtrali, filwaqt li tinsab lesta li tirreaġixxi għas-sitwazzjoni ekonomika li qed tevolvi, tidher xierqa fl-2023. Il-Kummissjoni ħabbret li r-rakkomandazzjonijiet fiskali għall-2023 jenħtieġ li jkomplu jiddifferenzjaw bejn l-Istati Membri u jqisu l-effetti konsegwenzjali possibbli bejn il-pajjiżi. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jirriflettaw l-gwida fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tagħhom. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi ekonomiċi u taġġusta l-gwida politika tagħha kif meħtieġ u mhux aktar tard mill-pakkett tagħha tar-rebbiegħa tas-Semestru Ewropew tal-aħħar ta' Mejju 2022.
- (8) Fir-rigward tal-gwida fiskali, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali għall-2023 iqisu l-perspettiva ekonomika li marret għall-aġar, l-inċertezza akbar u aktar riskji negattivi, u l-inflazzjoni oġġla meta mqabbla mat-tbassir tax-xitwa 2022 tal-Kummissjoni. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-rispons fiskali għandu jespandi l-investiment pubbliku għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u għas-sigurtà tal-enerġija, u jsostni l-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli sabiex jittaffa l-impatt taż-żieda fil-prezz tal-enerġija u jgħin biex jiġu limitati l-perssonijiet inflazzjonarji mill-effetti sekondarji permezz ta' miżuri mmirati u temporanji. Il-politika fiskali għandha tibqa' aġli sabiex taġġusta għaċ-ċirkostanzi li qed jevolvu b'mod rapidu, inkluż l-isfidi li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fir-rigward tad-difiża u s-sigurtà, u għandha tiddistingwi bejn l-Istati Membri skont is-sitwazzjoni fiskali u ekonomika tagħhom, inkluż fir-rigward tal-esponiment tagħhom għall-kriżi u l-influss ta' persuni spostati mill-Ukrajna.

- (9) Fit-30 ta' April 2021, il-Lussemburgu ppreżenta l-pjan nazzjonali tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stipulati fl-Anness V għal dak ir-Regolament. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Lussemburgu¹⁰. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li tiddikjara li l-Lussemburgu jkun laħaq b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twertiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treggħet lura.
- (10) Fid-29 ta' April 2022, il-Lussemburgu ppreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 tiegħu u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Lussemburgu dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha.

¹⁰ ST 10155/2021.

- (11) Il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2022 għal-Lussemburgu fit-23 ta' Mejju 2022. Hija vvalutat il-progress tal-Lussemburgu fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill fl-2019, l-2020 u l-2021, u ħadet kont tal-implimentazzjoni tal-Lussemburgu tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, li jibni fuq it-tabella ta' valutazzjoni għall-irkupru u r-reżiljenza. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti li jirriżultaw mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Hija vvalutat ukoll il-progress tal-Lussemburgu fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.
- (12) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tal-20 ta' Lulju 2020¹¹, il-Kunsill irrakkomanda lil-Lussemburgu biex fl-2020 u fl-2021 jieħu l-miżuri kollha meħtieġa, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali, biex jindirizza b'mod effettiv il-pandemija tal-COVID-19, isostni l-ekonomija u jappoġġa l-irkupru li jirriżulta. Huwa rrakkomanda wkoll lil-Lussemburgu biex, meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jkunu jippermettu, isegwi politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fi żmien medju u li jiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li jissaħħaħ l-investment. Fl-2021, skont id-data vvalidata mill-Eurostat, il-bilanċ tal-gvern estiż tal-Lussemburgu tjeib minn defiċit ta' 3,4 % tal-PDG fl-2020 għal surplus ta' 0,9 % fl-2021. Ir-rispons tal-politika fiskali mil-Lussemburgu appoġġa l-irkupru ekonomiku fl-2021, filwaqt li l-miżuri temporanji ta' emerġenza naqsu minn 2,4 % tal-PDG fl-2020 għal 0,7 %. Il-miżuri li ħa l-Lussemburgu fl-2021 kienu konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020. Il-miżuri baġitarji diskrezzjonarji adottati mill-gvern fl-2020 u l-2021 kienu temporanji jew imqabbla b'miżuri ta' tpaċija. Skont data vvalidata mill-Eurostat, id-dejn tal-gvern estiż naqas minn 24,8 % tal-PDG fl-2020 għal 24,4 % tal-PDG fl-2021.

¹¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Lussemburgu tal-2020 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Lussemburgu tal-2020 (ĠU C 282, 26.8.2020, p. 101).

(13) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-proġettazzjonijiet baġitarji huwa kawt fl-2022 u realistiku minn hemm 'il quddiem. Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 jipproġetta li l-PDG reali jiżdied b'1,4 % fl-2022 u bi 2,9 % fl-2023. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta tkabbir tal-PDG reali ta' 2,2 % fl-2022 u ta' 2,7 % fl-2023. Id-differenza ta' 0,8 punt perċentwali fl-2022 hija prinċipalment dovuta għal aspettattivi oġhla għall-investimenti u kontribuzzjoni pożittiva tal-esportazzjonijiet netti għat-tkabbir tal-PDG reali fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni. Fil-programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2022, il-gvern jistenna li l-bilanċ nominali ser jonqos għal defiċit ta' 0,7 % tal-PDG fl-2022 u għal 0,4 % fl-2023. It-tnaqqis fl-2022 jirrifletti prinċipalment nefqa oġhla fuq il-kumpens tal-impjegati, l-investimenti u l-benefiċċji soċjali, filwaqt li fuq in-naħa tad-dħul it-taxxi kurrenti fuq l-introjt u l-ġid huma pproġettati li jonqsu. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG huwa mistenni li jiżdied għal 25,4 % fl-2022, u li jiżdied għal 25,8 % fl-2023. Fuq il-bażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta defiċit tal-gvern għall-2022 ta' 0,1 % tal-PDG u surplus għall-2023 ta' 0,1 %. It-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta proporzjon aktar baxx tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG ta' 24,7 % fl-2022 u 25,1 % fl-2023. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni, it-tkabbir potenzjali fuq perjodu medju (medja ta' 10 snin) fil-prodott hija stmata fil-livell ta' 2,6 %. Madankollu, dik l-istima ma tinkludix l-impatt tar-riformi li huma parti mill-pjan ta' rkupru u reżiljenza u jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali tal-Lussemburgu.

(14) Fl-2022, il-gvern neħħa gradwalment il-maġġoranza tal-miżuri meħuda b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19, b'tali mod li l-miżuri ta' emerġenza temporanji huma pproġettati li jonqsu minn 0,7 % tal-PDG fl-2021 għal 0,1 % fl-2022. Id-defiċit tal-gvern huwa affettwat mill-miżuri adottati biex jikkumbattu l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, li fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni huma stmati għal 0,8 % tal-PDG fl-2022 u 0,2 % tal-PDG fl-2023¹². Dawk il-miżuri jikkonsistu prinċipalment fi kreditu tat-taxxa fuq l-enerġija, trasferimenti soċjali lil unitajiet domestiċi bi dħul baxx, tnaqqis fit-taxxi indiretti fuq il-konsum tal-enerġija, u sussidji fuq il-produzzjoni. Fl-istess ħin, intlaħaq qbil mas-sħab soċjali biex l-iskattar mistenni tal-mekkaniżmu tal-indiċjar tal-inflazzjoni jiġi differit mis-Sajf tal-2022 għal April 2023 u kwalunkwe segment sussegwenti sa mhux aktar kmieni minn April 2024. Dawk il-miżuri tħabbru l-aktar bħala temporanji. Madankollu, f'każ li l-prezzijiet tal-enerġija jibqgħu għoljin fl-2023, xi wħud minn dawk il-miżuri jistgħu jitkomplew. Xi wħud minn dawk il-miżuri mhumiex immirati, b'mod partikolari t-tnaqqis ġenerali fid-dazji tas-sisa għall-fjuwil fl-2022. Id-defiċit tal-gvern huwa affettwat ukoll mill-ispiża biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna, li fit-tbassir tar-rebbiegħa tal-2022 tal-Kummissjoni hija pproġettata li tkun 0,1 % u 0,2 % tal-PDG fl-2022 u fl-2023¹³.

¹² Iċ-ċifri jirrappreżentaw il-livell tal-ispejjeż baġitarji annwali ta' dawk il-miżuri meħuda mill-ħarifa 2021, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll – fejn rilevanti – il-miżuri tan-nefqa kapitali.

¹³ Huwa preżunt li l-għadd totali ta' persuni spostati mill-Ukrajna lejn l-Unjoni ser jilħaq gradwalment is-sitt miljun sa tmiem l-2022, u d-distribuzzjoni ġeografika tagħhom hija stmata fuq il-bażi tad-daqs tad-dijaspora eżistenti, il-popolazzjoni relattiva tal-Istat Membru riċeventi, u d-distribuzzjoni reali ta' persuni spostati mill-Ukrajna madwar l-Unjoni f'Marzu 2022. Għall-ispejjeż baġitarji għal kull persuna, l-istimi huma bbażati fuq il-mudell ta' mikrosimulazzjoni tal-Euromod taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu kemm it-trasferimenti ta' flus kontanti li n-nies jistgħu jkunu eliġibbli għalihom kif ukoll il-benefiċċji in natura bħall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa.

- (15) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 il-Lussemburgu jkollu pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż mill-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u jippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll lil-Lussemburgu biex, meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, isegwi politika fiskali mmirata biex jikseb pożizzjonijiet fiskali prudenti ta' perjodu medju u jiżgura s-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu medju u, fl-istess ħin, li jsaħħaħ l-investiment biex tingħata spinta lill-potenzjal tat-tkabbir.
- (16) Fl-2022, skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2022 tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 tal-Lussemburgu, il-pożizzjoni fiskali hija pproġettata li tkun ta' appoġġ fil-livell ta' -1,3 % tal-PDG kif irrakkomandat mill-Kunsill¹⁴. Il-Lussemburgu qed jippjana, kif rakkomandat mill-Kunsill, li jipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru inkluż billi jagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiffinanzja investiment addizzjonali. Il-kontribuzzjoni pożittiva lejn l-attività ekonomika tan-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni hija pproġettata li tibqa' stabbli meta mqabbel mal-2021. L-investiment iffinanzjat nazzjonalment huwa pproġettat li jipprovdi kontribut espansjonarju ta' 0,1 punt perċentwali għall-pożizzjoni fiskali fl-2022¹⁵. Għalhekk, il-Lussemburgu qed jippjana li jippreserva l-investiment iffinanzjat nazzjonalment, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Fl-istess waqt, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2022 huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 1,2 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali ġenerali. Dik il-kontribuzzjoni espansjonarja sinifikanti tinkludi l-impatt addizzjonali tal-miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (0,5 % tal-PDG) kif ukoll l-ispejjeż biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna (0,1 % tal-PDG), filwaqt li kumpens ogħla tal-impjegati u t-trasferimenti soċjali huma wkoll ipproġettati li jikkontribwixxu (0,3 % tal-PDG) għat-tkabbir fin-nefqa kurrenti netta.

¹⁴ Sinjal negattiv tal-indikatur jikkorrispondi għal eċċess tat-tkabbir fin-nefqa primarja meta mqabbel mat-tkabbir ekonomiku fuq perjodu medju, li jindika politika fiskali espansjonarja.

¹⁵ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija pproġettata li tipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0,1 punt perċentwali tal-PDG.

- (17) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pproġettata fit-tbassir tar-rebbiegħa tal-2022 tal-Kummissjoni li tkun fil-livell ta' +0,5 % tal-PDG fuq suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika¹⁶. Il-Lussemburgu huwa pproġettat li jkompli juża l-għotjiet mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2023 biex jiffinanzja investment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru. L-investment iffinanzjat nazzjonalment huwa pproġettat li jipprovdi kontribut espansjonarju ta' 0,1 % tal-PDG għall-pożizzjoni fiskali fl-2023¹⁷. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata min-nazzjon (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2023 huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0,5 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali ġenerali. Dan jinkludi l-impatt mit-tneħħija gradwali tal-miżuri li jindirizzaw iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (0,3 % tal-PDG).
- (18) Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos gradwalment għal 0,3 % tal-PDG fl-2024 u għal 0,2 % sal-2025. Il-bilanċ tal-gvern estiż huwa għalhekk ippjanat li jibqa' taħt it-3 % tal-PDG matul il-perjodu kollu tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2022. Dawn il-proġezzjonijiet jassumu dħul kemxejn oġhla u nefqa stabbli bħala perċentwal tal-PDG. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG huwa mistenni li jiżdied sal-2025, speċifikament b'żieda għal 26,2 % fl-2024, u stabbilizzazzjoni ta' 26,2 % fl-2025. Skont l-analiżi tal-Kummissjoni, jidher li hemm riskju baxx fuq perjodu medju ta' żmien fejn tidħol is-sostenibbiltà tad-dejn.

¹⁶ Sinjal pożittiv tal-indikatur jikkorrispondi għal nuqqas ta' tkabbir fin-nefqa primarja meta mqabbel mat-tkabbir ekonomiku fuq terminu medju, li jindika politika fiskali kontrazzjonarja.

¹⁷ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija pproġettata li tipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0,2 punti perċentwali tal-PDG.

(19) Il-kriżi tal-COVID-19 kellha impatt iżgħar fuq il-finanzi tal-gvern milli fi Stati Membri oħra, u l-indikaturi rilevanti huma mistennija li jitjiebu fl-2022. Madankollu, l-impatt tax-xejriet demografiċi fuq l-infiq tal-gvern ser jintensifika matul id-deċennji li ġejjin. B'mod partikolari, dan huwa minħabba li l-għadd ta' pensjonanti għal kull ħaddiem huwa mistenni li jiżdied b'mod kostanti minħabba l-popolazzjoni li qed tixjieħ u t-tnaqqis fil-flussi migratorji netti. F'xenarju ta' "ebda bidla fil-politika", il-Lussemburgu ser jiffaċċa waħda mill-akbar żidiet fl-infiq fil-pensjonijiet tal-Unjoni, bħala sehem tal-PDG sal-2070. Dan iwassal għal infiq fil-pensjonijiet ta' madwar 18 % tal-PDG (meta mqabbel ma' 9 % fl-2019), fost l-ogħla fl-Unjoni. Dan ser jikkawża żieda sinifikanti fid-dejn tal-gvern, li tpoġġi s-sostenibbiltà tal-finanzi tal-gvern f'riskju fuq perjodu twil. Iż-żieda fl-età effettiva tal-irtirar ikollha l-aktar impatt makroekonomiku ta' benefiċċju, peress li dan il-fattur għandu l-akbar potenzjal li jnaqqas l-infiq fuq il-pensjonijiet. Min-naħa l-oħra, rata ogħla ta' ħaddiema akbar fl-età fl-impjieg tappoġġa wkoll it-tkabbir ekonomiku. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma jindirizzax is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, u lanqas l-effetti negattivi tal-iskemi ta' rtirar bikri u l-inċentivi finanzjarji għall-ħruġ bikri mis-suq tax-xogħol, li jispjega r-rata baxxa ta' impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età. Bidu bikri bir-riformi li għandhom l-għan li jillimitaw l-iskemi ta' rtirar bikri u t-trasferiment tal-preferenzi tal-ħaddiema akbar fl-età biex jibqgħu fl-impjieg għal aktar żmien jippermetti implimentazzjoni gradwali, li żżid il-ġustizzja interġenerazzjonali.

(20) Il-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa fl-Unjoni hija essenzjali biex: i) tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn id-ditti; ii) jiġi żgurat trattament ġust tal-kontribwenti; u iii) jiġu ssalvagwardjati l-finanzi tal-gvern. Il-Lussemburgu huwa ekonomija zġhira u miftuħa, b'settur finanzjarju integrat kbir, li fil-biċċa l-kbira jispjega l-eżistenza ta' flussi finanzjarji kbar. Madankollu, dawn il-flussi finanzjarji kbar jirriflettu wkoll il-preżenza kbira fil-pajjiż ta' kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż, li huma involuti f'attivitajiet intragrupp ta' finanzjament u tat-teżor. Punt partikolari ta' tħassib huwa n-nuqqas ta' taxxi minn ras il-ġhajn – jew miżuri ekwivalenti fuq pagamenti ta' imġħax u royalties lil ġuriżdizzjonijiet b'taxxa baxxa jew żero lil hinn minn dawk il-pajjiżi inklużi fil-lista tal-Unjoni ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx¹⁸. Il-pagamenti 'l barra ta' mġħax u royalties minn kumpaniji bbażati fil-Lussemburgu għal ġuriżdizzjonijiet mhux tal-UE jistgħu jkunu soġġetti għal ftit tassazzjoni jew l-ebda tassazzjoni jekk dawn il-pagamenti ma jiġux intaxxati jew intaxxati f'livell baxx fil-ġuriżdizzjoni riċeventi. Il-Lussemburgu ħa xi passi biex jiġġieled l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Madankollu, sa issa, il-miżuri kienu limitati u insuffiċjenti biex jindirizzaw il-kwistjoni ta' pagament 'il barra fis-sistema tat-taxxa, li jistgħu jintużaw mill-kumpaniji multinazzjonali biex jinvolvu ruħhom fi ppjanar aggressiv tat-taxxa.

¹⁸ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, (ĠU C 103, 3.2.2022, p. 1).

(21) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V ta' dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin bi skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni li għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026. Dawn jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lil-Lussemburgu mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u l-2020, flimkien ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż maħruġa sad-data tal-adozzjoni ta' pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. B'mod partikolari, dawn l-isfidi huma relatati mar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa, l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol u l-investiment fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, kif ukoll in-nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli u r-reżiljenza istituzzjonali tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi miżuri biex tiżdied il-provvista pubblika ta' akkomodazzjoni affordabbli. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi wkoll investimenti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u fit-trasport sostenibbli, li jgħinu biex l-ekonomija tiġi dekarbonizzata progressivament. Is-servizzi pubbliċi diġitali u proġett pubbliku kbir ta' riċerka u innovazzjoni fit-teknoloġiji tal-komunikazzjoni kwantistika jinkoraġġixxu l-investiment fin-negozju u jagħtu spinta lit-tkabbir tal-produttività fuq terminu medju. Dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi taħlita ta' miżuri biex tittejjeb it-trasparenza u jissaħħaħ il-qafas għas-sorveljanza tal-fornituri tas-servizzi finanzjarji. L-istrateġija tal-ħiliet u l-programmi ta' taħriġ stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluża mira ddedikata għall-ħaddiema akbar fl-età, għandhom jgħinu biex tittejjeb l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol.

- (22) L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Lussemburgu hija mistennija li tikkontribwixxi biex isir aktar progress fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi fil-Lussemburgu jammontaw għal 61 % tal-allokkazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li l-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal 32 % tal-allokkazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-istadji importanti u l-miri rilevanti, ser tgħin lil-Lussemburgu jirkupra malajr mill-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, filwaqt li ssaħħaħ ir-reżiljenza tiegħu. L-involvement sistematiku tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, biex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.
- (23) Il-Lussemburgu għadu ma ppreżentax il-Ftehim ta' Sħubija jew il-programmi l-oħra tal-politika ta' koeżjoni previsti fir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹. F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1060, il-Lussemburgu għandu jqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti fl-iprogrammar tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021–2027. Dan huwa prerekwiżit għat-titjib tal-effettività u l-massimizzazzjoni tal-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jiġu promossi l-koordinazzjoni, il-komplementarjetà u l-koerenza bejn dawk il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u strumenti u fondi oħra tal-Unjoni. L-implimentazzjoni b'suċċess tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni tiddependi wkoll mit-tneħħija ta' ostakli għall-investment biex tiġi appoġġata t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u l-iżvilupp territorjali bbilanċjat.

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

- (24) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, il-Lussemburgu qed jiffaċċa għadd ta' sfidi addizzjonali, b'mod partikolari relatati mal-inugwaljanza dejjem akbar fis-sistema edukattiva. Is-sistema edukattiva tal-Lussemburgu hija kkaratterizzata mill-użu ta' tliet lingwi ta' taġġim (il-Lussemburgiż, il-Ġermaniż u l-Franċiż), kif ukoll minn għadd kbir ta' studenti minn sfondi soċjoekonomiċi u lingwistiċi differenti. Ir-risultati tat-testijiet internazzjonali jissuġġerixxu li l-ħiliet bażiċi tal-istudenti huma aktar baxxi mill-medja tal-Unjoni u huma marbuta b'mod qawwi mal-isfondi soċjoekonomiċi u lingwistiċi tal-istudenti. Fl-istħarriġ tal-2018 tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) mwettaq mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, il-Lussemburgu rreġistra waħda mill-akbar differenzi fil-punteġġ tal-Unjoni fil-qari bejn l-istudenti vantaġġati u dawk żvantaġġati. L-inugwaljanzi huma amplifikati bl-edukazzjoni multilingwi u l-mod kif l-istudenti jiġu sseparati f'moġħdijiet tal-iskola differenti fi stadju bikri. Is-sistema edukattiva ma tipprovdi lill-istudenti kollha b'biżżejjed ħiliet multilingwi u bażiċi biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-sugħur tal-pajjiż. L-appoġġ individwalizzat għall-istudenti jgħin biex jinkiseb il-potenzjal sħiħ tal-iżvilupp u l-inklużjoni ġenerali tal-istudenti kollha. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-osservatorju nazzjonali tal-kwalità tal-iskola tal-2020, hemm lok biex tittejjeb il-governanza tas-sistema edukattiva, jiġu żviluppanti aktar l-għodod ta' evalwazzjoni u l-oġġettivi li jistgħu jitkejlu li jipromwovu l-kwalità u l-ugwaljanza tal-opportunitajiet kemm fuq in-naħa formali kif ukoll fuq dik mhux formali tas-sistema edukattiva.
- (25) Bi tweġiba għall-mandat tal-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Unjoni, stabbilit fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles, il-proposta tal-Kummissjoni għal pjan REPowerEU għandha l-għan li telimina gradwalment id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili mir-Russja malajr kemm jista' jkun. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni biħsiebha tidentifika l-aktar proġetti, investimenti u riformi xierqa fil-livell nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni fi djalogu mal-Istati Membri. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jnaqqsu d-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u jmexxu l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili 'l bogħod mir-Russja.

(26) Is-sistema tal-enerġija tal-Lussemburgu hija kkaratterizzata minn dipendenza għolja fuq l-importazzjoni u d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. Skont id-data tal-2020²⁰, il-Lussemburgu huwa l-akbar importatur nett tal-enerġija tal-Unjoni meta mqabbel mad-daqs tal-popolazzjoni. Huwa kważi kompletament dipendenti fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija primarja, b'rata ta' dipendenza ta' 92,5 %. Bil-bosta s-sorsi primarji dominanti tal-enerġija huma ż-żejt u l-gass; iż-żejt jirrappreżenta 68,5 % tal-konsum tal-enerġija, u l-gass 17,8 %. Il-Lussemburgu ma jimporta l-ebda żejt mir-Russja, filwaqt li l-medja tal-Unjoni hija ta' 26 % tal-importazzjonijiet taż-żejt grezz. Madankollu, ir-Russja għadha sors relattivament importanti ta' importazzjonijiet tal-gass billi tipprovdi 27 % tal-importazzjonijiet tal-gass naturali tal-Lussemburgu għalkemm dan huwa taħt il-medja tal-Unjoni ta' 44 %. Il-Lussemburgu integra s-suq tal-gass tiegħu ma' dak tal-Belġju. Fir-rigward tal-elettriku, filwaqt li ma hemm l-ebda konġestjoni maġġuri fuq terminu qasir, ser ikun meħtieġ aktar investiment biex jakkumpanja t-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari f'termini ta' tisħiħ u titjib tal-grilja. Id-domanda għall-gass industrijali kienet baxxa f'dawn l-aħħar snin u d-domanda għall-gass tas-settur kummerċjali kibret b'mod moderat. It-tkabbir ewlieni fil-konsum tal-gass ġie minn żieda fil-konsum tas-settur residenzjali. Il-Lussemburgu jrid jindirizza l-isfida ta' provvista insuffiċjenti ta' akkomodazzjoni filwaqt li jilħaq il-miri tiegħu dwar l-enerġija u l-klima. Hemm ukoll il-ħtieġa li jiġi rinnovat l-istokk tal-bini eżistenti. B'20,8 % tal-potenzjal totali tal-iffrankar tal-enerġija (f'termini ta' GWh), is-settur tal-bini residenzjali u tar-rinnovazzjoni jirrappreżenta t-tieni l-akbar sors ta' potenzjal kumulattiv għall-iffrankar tal-enerġija sal-2030. Il-Lussemburgu żied is-sehem tiegħu tal-enerġija rinnovabbli minn 5 % fl-2015 għal 12 % fl-2020. Madankollu, għadu wieħed mill-Istati Membri bl-inqas sehem. Il-Lussemburgu jeħtieġ azzjoni qawwija biex jilħaq il-miri tal-enerġija tiegħu għall-2030 li tikseb 25 % tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u tnaqqas il-konsum finali tal-enerġija b'40 % sa 44 % meta mqabbel mal-2007. Il-muniċipalitajiet ser ikollhom rwol ewlieni f'dan ir-rigward. Il-konġestjoni tat-traffiku fit-toroq hija ta' piż fuq l-ekonomija u fuq is-sostenibbiltà ambjentali, filwaqt li t-trasport jammonta għal sehem sinifikanti tal-konsum taż-żejt u għal 59 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra, li jitqabbel ma' medja tal-Unjoni ta' 24 % fl-2019.

²⁰ Eurostat (2020), is-sehem tal-importazzjonijiet Russi fuq l-importazzjonijiet totali ta' gass naturali u gass grezz rispettivament. Għall-medja tal-EU-27, l-importazzjonijiet totali huma bbażati fuq importazzjonijiet barra mill-EU-27. Għal-Lussemburgu, l-importazzjonijiet totali jinkludu l-kummerċ intra-UE.

Miżuri mmirati lejn trasport aktar effiċjenti u sostenibbli jistgħu għalhekk jgħinu sostanzjalment biex titnaqqas id-dipendenza fuq iż-żejt. Dan huwa rifless fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tal-Lussemburgu, li jimmira għal 40 % tal-vetturi elettriċi u plug-in għall-2030. Il-Lussemburgu stabbilixxa għalih innifsu l-mira li jsir newtrali għall-klima sal-2050. Sabiex il-Lussemburgu jkun konformi mal-objettivi "Lesti għall-mira ta' 55 %", ser tkun meħtieġa żieda ulterjuri fl-ambizzjoni fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra kif ukoll żieda fl-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika.

- (27) Filwaqt li l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u lil hinn mill-fjuwils fossili ser toħloq spejjeż ta' ristrutturar sinifikanti f'diversi setturi, il-Lussemburgu jista' jagħmel użu mill-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni biex ittaffi l-impatt soċjoekonomiku tat-tranżizzjoni. Barra minn hekk, il-Lussemburgu jista' jagħmel użu mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹, biex itejjeb l-opportunitajiet ta' impjieg u jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali.
- (28) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 u l-opinjoni tiegħu²² hija riflessa fir-Rakkomandazzjoni (1).
- (29) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-2022 dwar iż-żona tal-euro. Għal-Lussemburgu dan huwa rifless b'mod partikolari fir-Rakkomandazzjonijiet 1, 2 u 3,

²¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

²² Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Lussemburgu jieħu azzjoni fl-2022 u l-2023 biex:

1. Fl-2023, jiġi żgurat li t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment ikun konformi ma' pożizzjoni politika ġeneralment newtrali, filwaqt li jitqies l-appoġġ temporanju u mmirat li jibqa' jingħata lill-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li jaħarbu mill-Ukrajna. Ikun lest li jaġġusta l-infiq attwali għas-sitwazzjoni li qed tevolvi. Jespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija billi jqis l-inizjattiva REPowerEU, inkluż billi jagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni. Għall-perjodu ta' wara l-2023, isegwi politika fiskali mmirata lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju. Itejjeb is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, b'mod partikolari billi jillimita l-irtirar kmieni u billi jżid ir-rata ta' impjieġ ta' ħaddiema akbar fl-età. Jieħu azzjoni biex jindirizza b'mod effettiv l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, inkluż billi jiżgura tassazzjoni suffiċjenti ta' pagamenti 'l barra ta' mgħax u royalties għal ġuriżdizzjonijiet b'taxxa zero u baxxa.
2. Jipproċedi bl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu, f'konformità mal-istadji importanti u l-miri inklużi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021. Jippreżenta d-dokumenti ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2021–2027 bil-ħsieb li jiffinalizza n-negozjati tagħhom mal-Kummissjoni u sussegwentement jibda l-implimentazzjoni tagħhom.
3. Inaqqs l-impatt tal-inugwaljanzi fuq il-prestazzjoni tal-istudenti u jipromwovi opportunitajiet indaqs għall-istudenti kollha fis-sistema edukattiva.
4. Inaqqs id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi jaċċellera l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, il-kapaċità ta' trażmissjoni tal-elettriku, u l-investment fl-effiċjenza enerġetika kemm fis-settur residenzjali kif ukoll f'dak mhux residenzjali. Jappoġġa lill-muniċipalitajiet fl-iżvilupp ta' pjanijiet lokali dettaljati għall-użu tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-enerġija mir-riħ u l-fotovoltajċi, u għas-sistemi tat-tiħin u t-tkessiħ distrettwali. Jipromwovi aktar l-eletrifikazzjoni tat-trasport u jinvesti fin-networks u l-infrastrutturi tat-trasport pubbliku.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President